# Il-Ħadd 12.08.2018

1. Il-Ħadd 12/08:
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, fil-Berġa taż-Żurrieq (quddiem il-Venda tal-Linja) tistgħu tmorru tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom imorru mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
2. It-Tnejn 13/08:
   - Fis-7:30pm - Fil-Ġnien Dun Karm Vella, ser issir Quddiesa u wara Talb ta' Tifħir u għall-Fejqan, u Ħin ta' Adorazzjoni animat mill-Grupp Kariżmatiku 'Resurrexit', taż-Żurrieq. Fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali.
3. L-Erbgħa 15/08, **Solennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissma - Santa Marija**:
   - Għandna d-dmir li nieħdu sehem fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' nhar ta' Ħadd.

   Il-Ħamis 16/08: *(Filgħaxija ma jkollniex quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.)*
   - Fis-6:30pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju li tkun b'suffraġġju għall-erwieħ ta' ħutna u qrabatna mejtin, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pawl.
   - Fit-8:30pm - Film *'Paul - Apostle of Christ'* fil-Museum tas-Subien.
4. Il-Ġimgħa 17/08: *(Filgħaxija ma jkollniex quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.)*
   - Fis-6:30pm - Quddiesa fejn il-Knisja ta' Sta Marija, u wara Adorazzjoni u Barka Sagramentali.
5. Is-Sibt 18/08:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-6:30pm - il-Quddiesa tkun b'suffraġġju għall-erwieħ ta' qrabatna mejtin, li mietu mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn.
   - Mit-8:00pm 'il quddiem - *Pasta Night* fil-Pjazza tal-Knisja.
6. Il-Ħadd 19/08:
   - Fid-9:00am - il-Quddiesa tkun bis-sehem tal-membri tal-Għaqda tan-Nar 'San Pawl'.
   - Fl-10:30am - il-Quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Mit-8:00pm 'il quddiem - Lejla Sajfija fil-Pjazza tal-Knisja.
7. Avviżi oħra:
   - Nitlob lil dawk li dawk li joqgħodu f'toroq imsemmija jew b'rabta ma' San Pawl, lil dawk li ġew joqgħodu Ħal Safi, lil ĦalSafin li joqgħodu f'irħula oħra, u lil dawk li joqgħodu barra minna Malta u qegħdin fostna għal xi btala biex jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar l-Erbgħa 22/08, fl-Ewwel Jum tat-Tridu.
   - Nitlob ukoll lill-koppji li qed jiċċelebraw l-1 sena / 10 / 20 / 25 / 30 / 40 / 50 Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, biex jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba l-quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar il-Ħamis 23/08, fit-Tieni Jum tat-Tridu.
8. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Bħalma jsir kull sena fil-festa, ser jingħalqu xi toroq għat-traffiku:
     - L-Erbgħa 15/08 (mit-8:00am sas-2:00pm), tingħalaq Triq iż-Żurrieq;
     - Mill-Ħamis 16/08 sat-Tnejn 27/08 (filghodu), jingħalaq Misraħ il-Knisja;
     - Mill-Ġimgħa 24/08 sal-Ħadd 26/08, tingħalaq Triq iż-Żurrieq;

     N.B. B'hekk, fil-jiem imsemmija, it-trasport pubbliku jgħaddi minn Triq il-Kuċċard.
     Nitolbu l-koperazzjoni ta' kulħadd, u niskużaw ruħna ta' kull inkonvenjent.
9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 285 bħala ġabra b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 30 bħala donazzjonijiet bl-istess għan.
   - € 975 mill-envelopes b'risq il-Festa ta' San Pawl. Grazzi.